# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 30 ta' Gunju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**
**vs**
**Nehammed Abdurahman Rami k/a Mohammed**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Nehammed Abdurahman Rami maghruf bhala Mohammed ta' 24 sena, imwieled Sudan, nhar il-21 ta' Dicembru, 1995, iben Mohammed Abdurahman u Zenab Adam Ahmed residenti Marsa Initial Reception Centre, Xatt il-Mollijiet, Marsa u detentur ta' numru ta' identifikazzjoni tal-pulizija 19CC-001.

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Frar, 2020 ghal habta ta' tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) u /jew fil-granet ta' qabel, gewwa Marsa Initial Reception Centre, Xatt il-Mollijiet, il-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Tenesh Neguse skond kif gie iccertifikat minn Dr. L.A. Testa, numru ta' registrazzjoni 3695 ta' Centru tas-Sahha Paola;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Tenesh Neguse, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil Tenesh Neguse biza'; u

3. Ghamel lil martu Tenesh Neguse ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' martu Tenesh Neguse billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jew ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi tratta bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[1] u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.[2]

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw incident li sehh fid-19 ta' Frar 2020 bejn l-imputat u martu Tenesh Neguse.

Illi l-imsemmija Tenesh Neguse tat id-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti[3] u spjegat li ghal xi zmien ir-relazzjoni mar-ragel kienet tajba pero issa

[1] Dok SZ8 a fol 35.
[2] Ref ezami a fol 7.
[3] A fol 38.

il-hajja ta' bejniethom saret difficli u trid li tissepara; dan ghaliex zewgha dejjem bil-burdati, ma jkellimhiex bir-rispett, jghajjarha minghajr ebda raguni, jsawwatha u anke heddied li joqtolha. Dwar l-incident in ezami spjegat li l-imputat qallha biex tigbor xi haga mill-art u hi qaltlu li ma setghetx. Neguse spjegat ukoll li hija kienet welldet tarbija ftit granet qabel permezz ta' cesarja u kienet ghada ma rkupratx sahhietha. Meta qaltlu li ma setghtex titbaxxa biex tigbor dak l-oggett mill-art l-imputat qabad u taha daqqa fuq wiccha u wara li taha d-daqqa u ghamel idejh madwar ghonqha. Neguse kompliet tispjega li hi u l-imputat izzewgu meta kienu ghadhom is-Sudan u hemm kien isawwatha u jghajjarha u dawn l-incidenti kienu jigru ta' spiss pero kemm ilhom Malta (madwar seba' xhur minn qabel l-incident) dan kien l-unika incident bejniethom. Ikkonkludiet billi tghid li ghalkemm hi trid li zewgha jhalliha bi kwietha u li jaccetta li r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat, min-naha l-ohra ma tridx li zewgha jispicca l-habs. F'seduta sussegwenti u cioe f'dik mizmuma f'l-4 ta' Gunju 2020[4] Tenesh Neguse iddikjarat li hija kienet qed tahfer lil zewgha u li ma kienx ghad baqalha interess f'dawn il-proceduri.

Illi taw id-depozizzjn taghhom ukoll:

- Vincent Micallef[5], li huwa haddiem socjali ma'l-Agezija AWAS[6]. Huwa spjega li fil-hin ta'l-incident kien qieghed fic-centru fejn kienu jghixu l-imputat u martu. Sema' hafna ghajjat u mar jara x'gara; baqa sejjer fil-kamra fejn kien hemm Neguse u raha bil-qeghda fuq is-sodda u nnota sinjali ta' daqqa fuq wiccha (taht ghajnejha) u marki fuq ghonqha. Neguse qaltlu li l-incident sehh ghax qalilha biex tigbor xi haga mill-art. Micallef ha lil Neguse c-Centru tas-Sahha tal-Furjana fejn gie rilaxxjat certifikat[7]; hadha ukoll l-ghassa tal-pulizija biex taghmel rapport.

[4] Ref verbal a fol 64.
[5] Depozizzjoni fol 65.
[6] Jigi rilevat li l-imputat u martu joqghodu fil-Marsa Initial Reception Centre u kien hemm li sehh l-incident.
[7] Dan huwa esebiet bhala Dok SZ7 a fol 34; dan ic-certifikat ma giex konfermat b'gurament mit-tabiba li rrilaxxjatu pero skond dikjarazzjoni maghmula waqt l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Gunju 2020 (ref verbal a fol 68) l-imputat ezenta lill-prosekuzzjoni mill-konferma b' gurament tieghu.

- WPS 269 Miriam Lia[8] ikkonfermat li sar ir-rapport dwar dan l-incident f'l-ghassa ta' Rahal-l-Gdid fejn hadet il-verzjoni ta' Neguse[9].

- Jordie Baldacchino[10] u Karl Saliba[11] risk assessors ma'l-Agenzija Appogg ikkonfermaw ir-risk assessment li sar wara li huma gew imsejjha mill-pulizija u dan wara li kien sar ir-rapport ta'l-incident[12]. Neguse qaltilhom li dak in-nhar ta'l-incident hija kienet fis-sodda u talbet lil zewgha biex jigbor xi haga mill-art, huwa pero irrabbja, prova jghallaqha u ta daqqa f'wiccha. Neguse qalitlhom ukoll li zewgha kien jikkontrollha u ma kienx ihalliha tohrog, li meta kienu ghadhom is-Sudan kien hemm incidenti ohra, u li kien heddied li ser joqtolha. Spjegatilhom ukoll li meta jkollha bzonn xi haga minn ghand zewgha, hu jirabbja.

- L-ispettur Sarah Kathleen Zerafa[13] ikkonfermat li kien sar ir-rapport u anke risk assessment u li da parti taghha hija hadet stqarrija ta'l-imputat[14].F'din l-istqarrija l-imputat ikkonferma li hu u Neguse kienu izzewgu is-Sudan u li kellhom tarbija hawn Malta ftit granet qabel l-incident. Fil-waqt li nnega li huwa jsawwat lil martu jew li qatt heddieha ma rrisponda l-ebda domanada dwar l-incident. Huwa nnega ukoll li ghandu vizzu ta' xorb. Qal ukoll li l-griehi li kellha martu kienu "griehi ta' twelid" peress li kienet welldet cesarja.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li sehh incident bejn l-imputat u martu u li dan l-incident sehh minhabba li kien hemm xi haga ma'l-art u l-imputat pretenda li tkun martu li tigbor dan l-oggett mill-art u mhux hu; dan minkejja li martu kienet ghada kif welldet it-tarbija taghhom ftit granet qabel permezz ta' cesarja, kienet ghada ma rkupratx sahhitha u ma

---

[8] Depozizzjoni a fol 70.
[9] Il-PIRS report relattiv huwa esebiet bhala Dok SZ2 a fol 11.
[10] Depozizzjoni a fol 47.
[11] Depozizzjoni a fol 52.
[12] Ir-Risk Assessment huwa esebiet bhala Dok SZ3 a fol 14.
[13] Depozizzjoni a fol 73.
[14] Esebieta bhala Dok SZ1 a fol 8.

setghetx titbaxxa. Jigi rilevat li mill-provi hemm xi diskrepanzi fil-verzjoni mghotija minn Neguse lid-diversi persuni involuti, dwar kif beda l-incident. Hemm min jghid li qaltlu li kien hemm xi haga ma'l-art u l-imputat qallha biex tigborha u hi ma setghetx u hu irrabja; u hemm minn jghid li qalet lill-imputat li kien hemm xi haga ma'l-art, talbitu jigborha u hu irrabja. Minkejja dan il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar il-kredibilita ta' Tenesh Neguse u hija konvinta li dawn id-diskrepanzi fil-verzjoni huma rizultat ta' traduzzjoni inezata. Fil-verita f'kull verzjoni mghotija jirrizulta li kien hemm oggett ma'l-art u l-imputat pretenda li tkun martu li tigbor dan l-oggett u dan minkejja l-kundizzjoni fizika li kienet tinstab fiha.

Illi mill-provi jirrizulta ampjament ukoll li f'dan l-incident, u wara li nqala' d-disgwid verbali bejniethom, l-imputat refa' idejh fuq Neguse li bhala rizultat soffriet griehi li huma elenkati fic-certifikat mediku u cioe tbengil; hija kellha ukoll ugieh f'rasha, f'ghonqha u f'zaqqha.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjenement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-istess pero ma jistax jinghad dwar l-imputazzjonijiet l-ohra. Tenesh Neguse insistiet  diversi drabi waqt id-depozizzjoni taghha li kemm ilhom Malta, u cioe sebgha xhur, dan kien l-unika incident li sehh ma zewgha.

Illi ai termini tac-citazzjoni l-imputat qed jigi abbedietat b'reati li sehhew "*fid-19 ta' Frar 2020 .... u/jew fil-granet ta' qabel, gewwa l-Marsa Initial Reception Centre, Xatt il-Mollijiet il-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer*". Huwa car li fatti li sehhew aktar minn seba' xhur qabel id-19 ta' Frar 2020 fi-Sudan ma jistawx jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta'l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza li biex jissussisti r-reat ravvizat fit-tieni imputazzjoni, reat li jemergi mill-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, irid jigi pruvat "*course of conduct*" da parti ta' l-imputat.

Mill-provi processwali jirrizulta li fid-19 ta’ Frar 2020 u fil-granet ta’ qabel[15] sehh incident wiehed biss. Aktar minn hekk ma jirrizultax li f’dan l-uniku incident kien hemm xi kliem ingurjuzi jew ta’ theddied[16] li seta’ qal l-imputat lil Neguse.

Illi ghalhekk ma jistax jinghad li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet gew pruvati.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, min-naha l-ohra l-fatt li l-parte leza hafret lill-imputat u iddikjarat li m’ghandhiex interess f’dawn il-proceduri.

Illi fil-fehma tal-Qorti, u kif jirrizulta minn diversi sentenzi tal-Qorti ta’l-Appell Kriminali, kazijiet ta’ vjolenza gratuwita ghandhom bhala regola jigu puniti bi prigunerija effettiva. Pero tenut kont tal-fatt li mart l-imputat hafrietlu l-piena ser tkun dik aktar vicin il-minimu previst mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lil-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputzzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 214, 215, 221(1) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-ewwel imputazzjoni u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 328A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ l-imesmmija Tenesh Neguse qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta Trazzin ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[15] U fix-xhur ta’ qabel.
[16] Kliem ta’ theddied kien intqal meta l-imputat u martu kienu ghadhom is-Sudan.